MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 25/2009

Gelluxa Supplies Limited (C38416)

vs

Emanuel u Josephine konjugi Vella

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-10 ta’ Lulju 2009, li jaqra hekk :-

‘Ghidu intom konvenuti l-ghaliex m’ghandkomx tigu kkundannati li thallsu l-ammont ta’ elf erba’ mija u tmienja u tmenin ewro u tnejn u hamsin ewro centezmi (€1488.52) rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija konsenjata lilkom mis-socjeta’ mittenti fuq inkarigu taghkom stess. Din il-merkanzija kienet konsistenti l-iktar f’affarijiet ta’ l-ikel u f’affarijiet ohra sabiex jinbieghu mill-hanut tal-merca taghkom bl-isem ta’ Keyfood, fix-Xewkija, Ghawdex (statement anness bhala Dok. A) ;

Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kotestwalment, kif ukoll l-ispejjez ta' l-ittri interpellatorji tal-11 ta' Novembru 2008, 17 ta' Frar 2009, u 17 ta' April 2009, u ta' l-ittra uficjali numru 374/2009 prezentata fil-25 ta' Mejju 2009, kif ukoll l-interssi fuq is-somma dovuta mid-data ta' xahar wara l-konsenja relattiva sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti.' ;

Il-konvenuti permezz tar-risposta taghhom pprezentata fit-28 ta' Lulju 2009, eccepew :-

' 1. Illi ghar-rigward il-konsenji tat-22 ta' Lulju 2003, 15 ta' Lulju 2003, 14 ta' Ottubru 2003, 4 ta' Novembru 2003, u l-konsenjatat-23 ta' Dicembru 2003, hemm l-ostakolu tal-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap.16) ;

2. Illi a rigward il-konsenji tas-17 ta' Awwissu 2004, u tat-22 ta' Awwissu 2006, l-ebda ammont ma hu dovut ;

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra wkoll in-nota tas-socjeta' attrici tas-7 ta' Jannar 2010, li permezz taghha rriduciet l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghal disa' mija u tnejn u hamsin Euro u disgha u erbghin centezmi (€952.49) wara li rrizulta li l-partiti tat-23 ta' Dicembru 2003 (Invoice numru 58892) u dik tas-17 ta' Awwissu 2004 (Invoice numru 63655) kienu gew imhallsa ;

Ra n-noti ta' riferenzi li saru mill-abbli difensuri tal-partijiet ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hi azzjoni ghall-hlas ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u mwassla lill-konvenuti mis-socjeta’ attrici fuq talba taghhom ;

Illi ghal din l-azzjoni l-konvenuti laqghu billi qed jikkontendu li ghal dawk il-konsenji li saru bejn il-15 ta’ Lulju 2003 u t-23 ta’ Dicembru 2003, l-azzjoni waqghet billi ghadda z-zmien, filwaqt li ghal dawk il-konsenji li saru fis-17 ta’ Awwissu 2004 u fit-22 ta’ Awwissu 2006, mhu dovut ebda ammont lis-socjeta’ attrici ;

Illi ghal dak li jirrigwarda konsiderazzjonijiet ta’ dritt li jolqtu din il-kawza, huwa mehtieg li tigi mistharrga qabel xejn l-eccezzjoni ta’ ghamla preliminari mqanqla mill-konvenuti, senjatament dik tal-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li jaqra : ‘L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin : ……. (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.’ ;

M’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-bejgh kien wiehed bl-ingrossa. Il-gurisprudenza tistabilixxi l-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f’opra (**Kollez. Vol. XXIII.i.909**) jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantita’ apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa (Appell Civili, **Giuseppe Borg vs Dr. Giovanni Bonello et noe et**, 22 ta’ Gunju 1970). Ghalhekk il-grossista *vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata* mentri l-imnutant *vende per lo piu` a compratori e in piccole quantita’ misurata al bisogno di costoro* (**Kollez. Vol. XXI.iii.235**). Fl-ewwel kaz il-kreditu hu soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita` fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16, fil-kaz tat-tieni, ghall-preskizzjoni ta’ tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 [ara Qorti

tal-Appell, **Carmel sive Charles Attard et noe vs Saviour Vella**, 3 ta’ Dicembru 2004; Appell Inferjuri, **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited**, 7 ta’ Dicembru 2005] ;

Is-socjeta` attrici qeghdha tirribatti din l-eccezzjoni mqajma mill-konvenut billi fl-ewwel lok tghid li ma kenitx hi li tellghet lill-konvenut fuq il-pedana tax-xhieda u assoggettatu ghal gurament decizorju, izda kien il-konvenut innifsu li minn jeddu ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda u xehed billi ddikjara lis-socjeta’ attrici m’ghandu jaghtiha xejn (u bhalu ghamlet ukoll il-konvenuta), u ghaldaqstant id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 2160(1) tal-Kap.16 mhumiex applikabbli, u fit-tieni lok tghid li billi r-relazzjoni bejn il-partijiet hija wahda purament ta’ natura kummercjali, id-diversi konsenji m’ghandhomx jitqiesu bhala konsenji separati, izda ghandhom jitqiesu li jifformaw parti minn kont wiehed, u billi l-ahhar konsenja lill-konvenuti saret fit-22 ta’ Awwissu 2006, il-preskrizzjoni fuq il-kont kollu kienet ghadha ma ddekorrietx meta giet spedita l-ittra ufficjali numru 374/2009 fil-25 ta’ Mejju 2009 ;

Jirrizulta mill-atti li kemm il-konvenut kif ukoll martu ghazlu li jiehdu l-pedana tax-xhieda u xehedu minn jeddhom, u kontrarjament allura ghal dak kollu li gie sottomess mill-abbli patrocinat legali tal-konvenuti, ma jirrizultax effettivament li l-konvenuti meta xehedu fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2010, u tat-13 ta’ April 2010, huma kienu xehedu in subizzjoni. Fi kliem iehor ma ttellghux jixhdu bhala xhieda tal-kontroparti attrici. Il-gurisprudenza tistabilixxi li : ‘Imiss lill-parti li kontra taghha l-preskrizzjoni tigi eccepita li tiddeferixxi l-gurament lill-eccipjent [Appell Kummercjali, **Diego Attard et noe vs Angelo Fenech**, 15 ta’ Frar 1965]. Ghalhekk id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 2160(1) tal-Kodici Civili dwar il-ghoti tal-gurament decizorju mhumiex applikabbli la darba kienu l-konvenuti minn jeddhom li telghu jixhdu. Il-gurisprudenza tistabilixxi wkoll li dan ‘ifisser mela li kemm il-Qorti kif ukoll l-avukat tas-socjeta` attrici kellhom id-dritt li jaghmlulu kwalsiasi domanda dwar il-vertenza.’ [Qorti tal-Appell, **Victor**

**Petroni Limited vs Grima Communications Limited**, 10 ta’ Ottubru 2003] ;

Illi ghar-rigward tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, jinghad li din hija wahda minn dawk imsejhin ‘preskrizzjonijiet qosra’ . Ghalhekk, kif inhu mghallem f’dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta’ tletin sena ghall-azzjoni Civili. Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din ghandha tinghata tifsira restrittiva (**Baudry Lacantinerie et Tissier**, fi *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile*, Vol.XXVIII, *Della Prescrizione*, par.712) . Issa jrid jinghad li ghalkemm il-kelma ‘kreditu’ tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma’ kull obbligazzjoni ta’ debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta il-kelma ‘kreditu’ msemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn tieghu (Prim’Awla, **Naudi vs Maltacom plc**, 09/11/2001) . Ta’ min jghid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta’ flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare*;

Illi peress li l-preskrizzjoni ‘residwali’ mahsuba taht l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 hija suggetta ghall-interpretazzjoni *eiusdem generis*, allura dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta’ flus [**Kollez. Vol.XXVIII.i.397**]. Kemm hu hekk, inghad li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta’ krediti : jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus [**Kollez. Vol.XXVIII.ii.588**] ;

Illi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jirrizultaw fil-kaz prezenti, billi l-kreditu pretiz mis-socjeta’ attrici huwa wiehed li jaqa’ fil-parametri tal-krediti mahsubin fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ;

Illi jrid jitqies biss jekk, fil-fatt, l-azzjoni tas-socjeta' attrici saritx fiz-zmien jew jekk, bhalma qed jeccepixxu l-konvenuti, kienx ghalqilha z-zmien utli biex tmexxi kontrihom. Fil-qies ta' din il-konsiderazzjoni, dan it-Tribunal irid jezamina jekk l-arrangament ezistenti bejn il-kumpannija attrici u l-konvenuti kienx wiehed ta' kont kurrenti bhalma qed timplika s-socjeta' attrici fin-nota ta' riferenzi taghha. Dan it-Tribunal ghandu certa rizerva dwar kemm wiehed jista' jqis l-arrangamenti bejn l-kumpannija attrici u l-konvenuti bhala kont kurrenti vera u proprju kif imfisser fl-artikolu 264 tal-Kodici tal-Kummerc, ghaliex aktar jidher li l-arrangament kien ta' kont miftuh fejn is-socjeta' attrici kienet tforni lill-konvenuti b'dak li kien mehtieg, u l-konvenuti jhallsu wara xi zmien ;

Illi, madankollu, huwa mghallem li l-preskrizzjoni f'kaz ta' azzjoni mibnija fuq kont kurrenti ma tibdiex tghaddi qabel ma l-kont jigi likwidat [**Kollez. Vol.XXVIII.iii.1277**], ghalkemm jinghad ukoll li l-preskrizzjoni tapplika ghal kull partita ta' dejn minkejja li tkun taghmel parti minn servizz kontinwu [**Kollez. Vol.XXII.i.317**]. F'kull kaz, ukoll jekk kellu jitqies li l-arrangament bejn il-partijiet kien wiehed ta' kont kurrenti, iz-zmien ta' preskrizzjoni applikabbli huwa xorta wahda dak ta' hames snin ;

Illi mill-provi mressqin jirrizulta li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirreferi ghal konsenji li saru lill-konvenuti bejn il-15 ta' Lulju 2003 sat-22 ta' Awwissu 2006. Dwar dawk il-konsenji ma jidher li sar l-ebda hlas, lanqas akkont, ad eccezzjoni tal-partiti bin-numri 58892 u 63655 li jirrizulta li kienu gew saldati fit-30 ta' Dicembru 2003 u fl-24 ta' Awwissu 2004 rispettivament. Ma ntweriex li s-socjeta' attrici kienet interpellat lill-konvenuti b'xi att gudizzjarju ghall-finijiet ta' ksur taz-zmien tal-preskrizzjoni qabel il-25 ta' Mejju 2009. Illi, fuq dawn l-elementi wahedhom, jista' jinghad li l-bicca l-kbira mill-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, izda zgur mhux l-ammont kollu, kien preskritt taht l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Ghalhekk jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-preskrizzjoni nvokata mill-konvenuti tirrizulta fil-konfront tal-maggjorparti tal-partiti kollha ta' bejgh, u cioe' fir-rigward ta' erbgha partiti minn hamsa, izda ma tirrizultax

fil-konfront ta’ l-ahhar partita cioe` dik tat-22 ta’ Awwissu 2006, fl-ammont ta’ Lm43.39, illum ekwivalenti ghal €101.07 ;

Illi dwar il-mertu tal-pretensjoni attrici jinghad li s-socjeta’ attrici wriet kif imiss li hija kienet bieghet il-konsenja ta’ merkanzija, kif tirrizulta mill-partita numru 1180 tat-22 ta’ Awwissu 2006. Dan l-ammont fuq din l-ahhar partita jirrizulta li ma thallasx, almenu l-konvenuti ma gabux il-prova li dan kien gie saldat bhalma gara fil-kaz tal-partita numru 63655, u lanqas ma kkontestaw il-fatt li l-konsenja relattiva effettivament kienet saret, u ghaldaqstant it-talba tas-socjeta’ attrici rigward il-hlas tal-partita numru 1180 hija gustifikata, u timmerita li tigi milqugha ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kif fuq inghad, jiddikjara li s-somma dovuta mill-konvenuti lis-socjeta` attrici hija biss dik ta’ mija u wiehed Euro u sebgha centezmi (€101.07), u konsegwentement qed jilqa’ t-talba attrici limitatament ghal dan l-ammont, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont bl-imghax fuq din is-somma b’effett mit-22 ta’ Settembru 2006, sal-effettiv pagament.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwanti ghal nona (1/9) parti mill-konvenuti u l-bqija mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------